

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali*

**2006/2018(BUD)**

11.9.2006

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja  
2007  
(C6-0000/2006 - 2006/2018(BUD))

Taqsimha III - Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Carlos Carnero González

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġit, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- A. billi fil-konklużjonijiet tagħha l-Previdenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 uriet l-impenn tagħha għall-kontinwazzjoni b'suċċess tal-proċess ta' ratifikazzjoni tat-Trattat kostituzzjonali, ippreżentat pjan ta' direzzjoni għas-sentejn li jmiss u ddikjarat li skond il-evalwazzjoni temporanja għall-perjodu ta' riflessjoni dwar l-futur ta' l-Ewropa, "d-djalogu infurzat maċ-ċittadini jeħtieġ mezzi adegwati u impenn",
- B. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-passi li jmiss għall-perjodu ta' riflessjoni u analiżi dwar il-Futur ta' l-Ewropa, il-Parlament talab lill-Kummissjoni "biex timmodifika l-'Pjan D' tagħha għat-tieni fażi tal-perjodu ta' riflessjoni u biex tippovdi biżżejjed fondi għall-attivitajiet ippjanati"<sup>1</sup>,
- C. billi fil-proposta tiegħu għal deċiżjoni li tistabbilixxi l-programm "Ċittadini għall-Ewropa" għall-perjodu 2007-2013 biex tippromwovi ċittadinanza attiva Ewropea<sup>2</sup>, il-Kummissjoni qalet li l-għan globali tal-programm, fost l-oħrajn, kien li jappoġġja attivitajiet u istituzzjonijiet li jagħtu l-opportunità liċ-ċittadini li jiltaqgħu u jipparteċipaw fil-bini a Ewropa aktar mill-qrib u li jsawru identità Ewropea,
- D. billi, wara l-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013, l-Abbozz Preliminari tal-Baġit (PDB) 2007 jinvolvi xi ristrutturazzjonijiet ta' l-infiq relatat mad-dibattitu dwar it-Trattat Kostituzzjonali permezz ta' l-integrazzjoni tal-fondi permanenti ta' diversi istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet ta' interess Ewropew fi tliet programmi leġiżlattivi (Ċittadini għall-Ewropa, Kultura 2007 u Tagħlim Matul il-Ħajja),
  1. Ifakkar li komunikazzjoni u programmi edukattivi huma l-istrumenti ppreferuti sabiex iċ-ċittadini jiġu infurmati aħjar u involuti fid-dibattitu dwar it-Trattat Kostituzzjonali u li huma huma l-mezz prinċipali biex jipprovdu appoġġ għall-pjan ta' direzzjoni kostituzzjonali mfassal fil-konklużjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2006;
  2. Jiddispijaċih li fil-preżent, ħafna ċittadini Ewropej m'humiex qed jaraw benefiċċji f'aktar integrazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea; Madankollu jinnota li fl-istess ħin il-maġġoranza taċ-ċittadini fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri jilqgħu riżoluzzjoni kostituzzjonali aktar trasparenti u effettiva ta' l-UE u l-politiki tagħha;
  3. Itenni li attivitajiet ta' komunikazzjoni jistgħu jaħdmu sewwa biss jekk istituzzjonijiet akkademiċi, fundazzjonijiet (inkluż dawk ta' partiti politiċi), awtoritajiet lokali u reġjunali, imsieħba soċjali, u soċjetà ċivili (speċjalment organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u tan-nisa) ikunu qed jikkontribwixxu għalihom b'mod attiv u li huma għandhom bżonn riżorsi finanzjarji mill-baġit ta' l-UE biex iwettqu dawn il-ħidmiet; Għalhekk jikkunsidra

<sup>1</sup> *Testi adottati*, P6\_TA(2006)0263.

<sup>2</sup> COM(2005)0116.

li l-ammonti pproposti fil-PDB 2007 għal-linja tal-baġit Prince għad-dibattitu dwar il-futur ta' l-Ewropa u għall-uffiċċji ta' informazzjoni ta' l-UE m'humex biżżejjed u jridu jiżdiedu b'mod sostanzjali, meta mqabblin ma' l-infiq ta' l-2006 b'kunsiderazzjoni tal-perjodu ta' riflessjoni u analiżi li kien għaddej;

4. Jenfasizza li numru ta' istituti u organizzazzjonijiet ipprovdew appoġġ kbir għad-dibattitu dwar il-futur ta' l-Ewropa; għalhekk hu mħasseb dwar l-intenzjoni tal-Kunsill, kif muriha fil-proċedura leġislattiva li wasslet għall-adozzjoni tal-programm Ewropa għaċ-Ċittadini, li tkun limitata l-assistenza strutturali għal xi istituti ta' interess Ewropew sa tliet snin (2007-2009); hu determinat li jiżgura fondi permanenti adegwati għal dawn il-gruppi ta' rikerka u ta' edukazzjoni lil hinn mill-orizzont tal-perjodu ta' riflessjoni u analiżi ta' bħalissa minħabba li hu konvint li għandhom ħidmiet importanti ta' karattru permanenti;
5. Jinsisti li ż-żieda tal-fondi pproposta mill-Kummissjoni disponibbli għal dawn l-istituti, mhix biżżejjed fil-każijiet kollha biex jittrattaw il-ħidmiet impenjattivi li għandhom quddiemhom;
6. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-isforzi riċenti tal-Kunsill u tal-Parlament biex jinkludu b'mod aħjar liċ-ċittadini fix-xogħol ta' kuljum tagħhom, speċjalment fejn għandha x'taqsam it-trasparenza ta' leġislazzjoni u d-dibattitu politiku dwar kwistjonijiet sensittivi bħall-globalizzazzjoni u bħat- tkabbir; jieħu l-impenn li jiżviluppa aktar dawn l-attivitajiet u jistieden lill-Kunsill biex jagħmel l-istess.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 : Taqsima III - Kummissjoni	
<b>Numru tal-proċedura</b>	2006/2018(BUD)	
<b>Kumitat responsabbli</b>	BUDG	
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO	
<b>Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>		
<b>Rapporteur ta' opinjoni</b> Data tal-ħatra	Carlos Carnero González 21.2.2006	
<b>Rapporteur ta' opinjoni preċedenti</b>		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	12.7.2006	11.9.2006
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	11.9.2006	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	9 2 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	James Hugh Allister, Carlos Carnero González, Andrew Duff, Ingo Friedrich, Bronisław Geremek, Genowefa Grabowska, Daniel Hannan, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Rihards Pīks, Johannes Voggenhuber, Bernard Piotr Wojciechowski	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>		
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>		
<b>Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)</b>		